



**Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni**

Il-President

Brussell, 3 ta' Frar 2022

PCab/SoB/JSIM/ssch DEC 24/2022

DEĊIŻJONI Nru 1/2022

tal-25 ta' Jannar 2022

dwar l-aġġustament annwali tal-indennizzi pagabbli lil persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

IL-BUREAU TAL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

WARA LI KKUNSIDRA t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹ u, b'mod partikolari, l-Artikolu 306 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRA r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012², minn hawn 'il quddiem ("ir-Regolament Finanzjarju" jew "RF", u b'mod partikolari l-Artikoli 238 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRA r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni³, u partikolarment l-Artikoli 37(d) u 40(4)(b) tagħhom,

¹ [ĠU C 202](#), 7.6.2016, p. 47.

² [ĠU L 193](#), 30.7.2018, p. 1.

³ [ĠU L 472](#), 30.12.2021, p. 1.

- WARA LI KKUNSIDRA r-Regolamenti⁴ tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni li jistabbilixxu indennizzi pagabbli lil persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni,
- WARA LI KKUNSIDRA d-Deċiżjoni Nru 5/2021 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-2 ta' Frar 2021 dwar indennizzi fissi għall-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ("Deċiżjoni Nru 5/2021"),
- WARA LI KKUNSIDRA d-Deċiżjoni Nru 7/2021 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-2 ta' Frar 2021 dwar ir-regoli finanzjarji interni għall-implimentazzjoni tat-taqsim tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regoli Finanzjarji Interni"),
- WARA LI KKUNSIDRA d-Deċiżjoni Nru 204/2018 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-28 ta' Novembru 2019 dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għar-Regolamenti Nru 8/2017, Nru 9/2017 u Nru 2/2018 tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, kif emendati⁵,

BILLI:

- (1) Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ("il-Kumitat") iħallas indennizzi lill-persuni li jieħdu sehem fl-attivitajiet tiegħu bil-għan li jkollhom kumpens għall-l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mġarrba minn dawk il-persuni b'rabta mal-parteeċipazzjoni tagħhom.
- (2) Skont l-Artikoli 3(2) u 7(1) tar-Regolament Nru 8/2017 rispettivament, il-Bureau tal-Kumitat għandu jistabbilixxi, minn naħa, il-valur tal-unità metrika użata għall-kalkolu tal-indennizz kilometriku mħallas fil-każ ta' vjaġġar bil-karozza u, min-naħa l-oħra, il-valur tal-unità ta' referenza użata għall-kalkolu tal-indennizz tal-ivvjaġġar kif ukoll l-ammont ta' kuljum tal-indennizz tal-laqgħa, li t-tnejn li huma għandhom jiġu aġġustati għall-inflazzjoni fil-bidu ta' kull sena.

⁴ Regolament Nru 12/2007 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar l-iffinanzjar tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni tal-ġurnalisti mistiedna għall-attivitajiet tal-Kumitat tar-Reġjuni.

Regolament Nru 0008/2017 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi għall-ivvjaġġar u l-laqgħat għall-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ("Regolament Nru 0008/2017"), kif emendat bir-Regolament Nru 20/2020 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament Nru 8/2017 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi għall-ivvjaġġar u l-laqgħat għall-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u r-Regolament Nru 2/2018 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas ta' indennizzi fissi għall-ivvjaġġar u l-laqgħat tal-esperti tar-relaturi u tal-kelliema li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

Regolament Nru 0009/2017 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-29 ta' Novembru 2017 dwar ir-rimborż ta' spejjeż tal-ivvjaġġar u ħlas tal-indennizzi fissi ta' sussistenza għall-partijiet terzi li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

Regolament Nru 0002/2018 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-30 ta' Jannar 2018 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi tal-ivvjaġġar u tal-laqgħat tal-esperti tar-relaturi u tal-kelliema li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, kif emendat bir-Regolament Nru 20/2020 tal-Bureau tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament Nru 8/2017 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-indennizzi fissi għall-ivvjaġġar u l-laqgħat għall-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u r-Regolament Nru 2/2018 dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas ta' indennizzi fissi għall-ivvjaġġar u l-laqgħat tal-esperti tar-relaturi u tal-kelliema li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

⁵ Deċiżjoni Nru 147/2020 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-23 ta' Ottubru 2020 li temenda d-Deċiżjoni Nru 204/2018 tat-28 ta' Novembru 2019 dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għar-Regolamenti Nru 8/2017, Nru 9/2017 u Nru 2/2018 tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

- (3) Il-valur tal-indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur għall-Unjoni Ewropea (“HICP EU-27”), kif ippubblikat mill-Eurostat, kien 111,59 f’Diċembru 2021, żieda ta’ ħames punt tlieta fil-mija (5,3 %) minn Diċembru 2020 (105,97).
- (4) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni Nru 5/2021 jenħtieġ li titħassar.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Indennizz kilometriku

Il-valur tal-unità metrika użata għall-kalkolu tal-indennizz kilometriku għandu jkun kif ġej:

- Tletin ċenteżmu għal kull kilometru (EUR 0,30/km)

Artikolu 2

Indennizz tal-ivvjaġġar

Il-valur tal-unità ta’ referenza użata għall-kalkolu tal-indennizz tal-ivvjaġġar għandu jkun kif ġej:

- Mija u ħamsa u tmenin euro għal kull unità ta’ referenza (EUR 185/unità)

Artikolu 3

Indennizz tal-laqgħat

L-ammont ta’ kuljum tal-indennizz tal-laqgħat għandu jkun kif ġej:

- Tliet mija u erbgħin euro (EUR 340)

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet finali

1. Id-Deċiżjoni Nru 5/2021 hija b’dan imħassra. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra f’atti u dokumenti oħrajn tal-Kumitat għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta’ Jannar 2022.

Għall-Bureau

Iffirmat
Apostolos Tzitzikostas